# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 584/2016**

Il-Pulizija

vs

**John Zahra**

iben Emanuel, imwieled Had-Dingli, fis-17 ta' Marzu, 1995, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 287555(M).

Illum it-3 ta' Mejju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli "nhar il-5 ta' Settembru 2016 ghal habta ta' 16.35 hrs gewwa Triq Misrah Suffara, Rabat, Malta:

1. Insulenta, ingurja jew hedded bi kliem jew b'mod iehor lil Felicita Zahra Kap 9 Sec 339 (1) (e).

2. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta Magt. Dr. C. Scerri Herrera LL.D datati 25 ta' Lulju 2012 u 17 t'Ottubru 2013 u 9 ta' Dicembru 2014 u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti il-piena stabbilita tapplika Art 383 u 412C tal-Kap 9 ghal harsien ta' Felicita Zahra".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti

wara li rat l-Artikoli tal-Ligi 49, 50, u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat John Zahra hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta' mitt ewro (€100) u ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Felicita Zahra ghal sitt xhur taht penali ta' €2,329.37 fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant John Zahra pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti John Zahra hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li l-appell ma jintlaqax thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".
>
> L-Onorabbli Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Felicita Zahra sabiex sabet lill-esponent hati. L-Onorabbli Qorti injorat ghal kollox x-xhieda tal-esponent. Bl-akbar rispett l-Onorabbli Qorti injorat ghal kollox il-fatt li kienet Felicita' Zahra li malli rat lill-esponent jiknes wara il-bieb ta daru, hija harget minn gewwa r-residenza taghha u bdiet tigbed ir-ritratti tal-esponent qieghed jiknes.
>
> Kienet Felicita Zahra li harget iddejjaq lill-esponent waqt li huwa kien ghal affari tieghu jiknes barra hdejn il-bieb ta' daru. Kienet Felicita' Zahra li ikkonfrontat u ipprovokat lil esponent. Bl-akbar rispett li kieku is-sinjura Zahra verament hija

mwerwra mill-esponent ma kinitx se tohrog minn darha u tiehu r-ritratti tal-esponent jiknes hdejn il-bieb ta' daru.

**Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Bl-akbar rispett l-Onorabbli Qorti ma setghetx tapplika Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponent. L-Onorabbli Qorti tista tapplika biss dan l-artikolu matul il-mori tal-kawza, meta individwu jkollu kaz pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-lanjanza ventilata mill-appellant iddur unikament madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta ghogobha fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi taghti affidament lil verzjoni tal-parti leza biex b'hekk ma emmnitx dak li stqarr l-appellant fix-xiehda tieghu.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, ghalkemm din il-Qorti kellha ix-xorti li terga tisma' lil-ko-litigandi jixhdu quddiemha *viva voce* u allura hija f'posizzjoni ahjar tqies jekk dak l-apprezzament kienx wiehed erronju kemm fattwalment kif ukoll legalment.

Illi t-test tal-kredibbilta jinsab imhaddan fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

In oltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[1]:

> **'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.**

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt jirrizulta mill-atti u minn dak li xehdu quddiem din il-Qorti iz-zewg partijiet, illi l-parti leza wasslet biex taghmel rapport mal-pulizija meta nhar il-5 ta' Settembru 2016 innutat lill-appellant John Zahra jiknes it-triq u iwaddab il-ħmieġ taħt il-karrozza tagħha. Kif rat hekk Felicita Zahra ddeċidiet tiġbed ritratti[2] ta' dak li kien qed jagħmel l-appellant u ghalhekk ħarġet mir-residenza tagħha. Meta bdiet tigbed ir-ritratti, liema ritratti huma esebiti in atti, hi allegat li l-appellant qalilha il-kliem ***'mur ja ndanata xbajt tieħu ġuramenti foloz, Alla jrid jisħtek ta' dan kollu u minn taħt idejja għadek ma ħlistix'***. Jidher in oltre skond l-okkorenza eżebita in atti illi wara r-rapport oriġinali, l-kwerelanta regghet irrapurtat fis-16 ta' Settembru 2016

---

[1] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

[2] Ritratti eżebiti a folio 31 tal-atti proċesswali.

illi l-appellant kien ukoll heddidha li kien ser iwaqqalha l-parapett. L-appellant minn naha tieghu ghalkemm jikkonferma illi huwa kien qieghed jiknes barra fit-triq u ghalkemm jikkonferma li ra lill-parti leza tohrog mir-residenza taghha sabiex tehodlu r-ritratti, madanakollu jiċħad li kien qed jitfa' l-ħmieġ taħt il-vettura kif allegat mill-parti leza jew li kien lissen xi diskors inġurjuz jew ta' theddid fil-konfront tagħha kif allegat minnha.

Ikkunsidrat :

Illi l-appellant gie mixli u misjub hati mill-Ewwel Qorti tal-akkuza kontravvenzjonali mahsuba fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, apparti li gie misjub hati ukoll li huwa recediv. Illi:

> **'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'[3]**

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Gauci ġie kkunsidrat is-segwenti:

> **Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: ".e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.[4]**

---

[3] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

Illi wara li apprezzat mill-gdid dak li xehdu il-ko-litigandi quddiemha kif ukoll il-kontenut tal-atti proċesswali, u qieset il-gurisprudenza in materja din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma hemm l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi fir-retroxxena li issawwar ir-relazzjoni qarsa bejn l-appellant u l-parti leza ikkaratterizzata minn disgwid bejn dawn iz-zewg familji huwa indubitat illi hemm pika li twassal ghal kunflitti kontinwi. Illi mill-provi jidher illi l-appellant beda jiknes it-trab taht il-vettura tal-parti leza b'pika, u meta din tal-ahhar harget biex tiehu r-ritratti ta' dak li kien qed jaghmel huwa hassu urtat u qal id-diskors ingurjuz u ta' theddid kif rapportat. Fil-fatt kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti mir-ritratt stess esebiet jidher li l-appellant qieghed ihares fid-direzzjoni tal-parti leza u jghid xi diskors. Mhux biss izda wiehed mir-ritratti jindika car lill-appellant jiknes it-trab ghal taht il-vettura blu li tidher fl-istess stampa ghalkemm it-triq hija wahda imharbta u mimlija gebel. Infatti meta ġie kkonfrontat b'dan ir-ritratt mill-Ewwel Qorti biddel il-verżjoni tiegħu u stqarr li lissen xi diskors ghalkemm baqa' jichad illi kien id-diskors allegat mill-parti leza.

Illi stabbilit kwindi illi l-verzjoni moghtija mill-appellant ma hijiex wahda kredibbli u li allura huwa lissen id-diskors kif rappurtat mill-parti leza, ma hemm l-ebda dubbju li l-kontenut tad-diskors jaqa' fil-parametri tal-elementi tar-reat miġjuba kontra tiegħu. It-teħid ta' ritratti bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala aġir provokatorju da parti tal-parti leza u li jista' jitiqes proporzjonali ma l-aġir tal-appellant u kwindi m'hemmx dubbju li l-appellant għandu jibqa' jitqies responsabbli għal dan ir-reat.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biex jigi ikkunsidrat finalment l-aggravju dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta l-appellant jilmenta illi l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni bħala parti mill-piena ma hijiex moghtija fil-ligi billi tali ordni tista' biss tinhareg fil-mori tal-kawza u mhux fis-sentenza finali. Illi minn qari tad-dicitura adoperata fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali

huwa bil-wisq evidenti illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju minnu intentat billi din id-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar il-persuna "akkuzata" issib applikazzjoni biss waqt il-pendenza tal-proceduri u mhux ukoll meta l-persuna tkun misjuba hatja.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell limitatament b'dan illi qed tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u fejn ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €100, izda tirrevokaha fejn giet imposta fuq l-appellant Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Regsitratur